ĦARGA NUMRU 8 - ĦARIFA 2016

NEWSPAPER POST



# NISĠET ARTNA

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MIS-SEGRETARJAT TAL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

5 IL-PRESERVAZZJONI TAŻ-ŻEBBUĠ

9 ĦASS ĠDID GĦAL-MATUL IS-SENA

15 66 FEKRUNA JIEĦDU L-ĦAJJA F'GĦAJN TUFFIEĦA

# IL-WERREJ



3 MESSAĠĠ
4 SKEMA TAL-FROTT
5 IL-PRESERVAZZJONI TAŻ-ŻEBBUĠ
6 - 7 SPTAR ĠDID GĦALL-ANNIMALI
8 IL-ĠRADEN TAL-LARINĠ
9 HXEJJEX ĠODDA NUTRITTIVI JITKABBRU FL-GĦAMMIERI
10 RAZEZ DOMESTIĊI SIĠAR U FROTT
11 IT-TJUBIJA TAL-FARAWNI
12 ROKNA TAT-TFAL IL-QOTON
13 RIĊETTA
14 ĦALIB FRISK GĦAL-KULĦADD
15 66 FEKRUNA JIEĦDU L-ĦAJJA F'GĦAJN TUFFIEĦA
16 IL-GIRNA: KENN GĦAR-RAĦĦALA
17 FENEK SELVAĠĠ
18 - 19 FALKUNERIJA F'MALTA
20 ŻBARK ĠDID FIL-MARSA
21 L-IMĦABBA LEJN L-ANNIMALI MINN ETÀ ĊKEJKNA
22 IL-ĠRIEWI
23 GĦERF ĠENSNA

# L-EDITORJAL

Għeżież Qarrejja

Dan ix-xahar jagħti bidu għal staġun ieħor, il-ħarifa, u dan ifisser illi wasalna sabiex nerġgħu niltaqgħu permezz ta' din il-pubblikazzjoni. Wara l-ġranet sħan tas-sajf fejn wieħed forsi jistrieħ ftit u jkollu aktar ħin liberu, kif ukoll it-tfal bil-vaganzi jgawdu kemm jistgħu l-baħar u l-festi, dan ix-xahar ta' Settembru jibda jippreparana biex nerġgħu nidħlu lura fir-rutina tagħna.

Dan l-istaġun huwa importanti, wara kollox bħal kull staġun ieħor. Koll-ha fihom karatteristiċi uniċi, u għall-ħarifa għandna nieħdu ħsieb sabiex qabel tibda l-ewwel xita nkunu ppreparati ħalli kemm jista' jkun l-ilma tax-xita ma nitilfuhx, għax dak huwa l-aqwa ilma għat-tisqija. Jibda wkoll iż-żrigħ ta' ħafna prodotti agrikoli, fosthom il-kaboċċi, il-pastard u l-qarabagħli. B'hekk anke naraw xi tibdil fil-kċina wkoll ,għaliex xi platt minestra bnina ma jonqosx.

F'din l-edizzjoni se nsibu informazzjoni dwar kif wieħed għandu jippreserva ż-żebbuġ, artiklu interessanti ferm dwar il-giren, rokna tat-tfal din id-darba b'kompetizzjoni ġdida, u riċetta tal-pudina tal-ħobż bit-tuffieħ u l-ġewż b'zalza tal-għasel.

Qabel nagħlaq nixtieq nirringrazzjakom tal-appoġġ illi qegħdin tagħtu-na permezz tal-paġna li nedejna fuq "facebook". Inħeġġiġkom tingħaqdu magħna fiha għaliex permezz tagħha nwasslulkom l-aħħar informazzjoni relatata mas-settur tagħna.

Tislijiet
**Ramona Borg**

## NISĠET ARTNA

Pubblikazzjoni maħruġa mis-Segretarjat għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali

**Taqsima Festi Rurali**
Ċentru ta' Riċerka u Żvilupp
L-Għammieri, Triq L-Ingiered
Il-Marsa MRS 3303



**Ritratt Meħud minn**
Joanne Sciortino Trevisan

**Koordinatur**
James J. Piscopo

**Editur**
Ramona Borg

**Kontributuri**
Alden Grima
Andrew Farrugia
Arnold Sciberras
Claire Cauchi
Cristopher Bonnici
David Bartolo
Dennis Sciberras
Emanuel Buhagiar
Jeffrey Sciberras
John Bonnici
Malcolm Vassallo
Philip Aquilina
Philip Camilleri
Richard Lia

**Qari tal-provi**
Christopher Bonnici
Louis Briffa

**Disinn**
MAD PROMOTIONS
MARKETING ADVERTISING DESIGN



**RODERICK GALDES**
IS-SEGRETARJU PARLAMENTARI GĦALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

# STAĠUN ĠDID B'AKTAR ĦIDMA

Għal ħafna minna, is-Sajf Malti u s-sħana li jġib miegħu jfissru mqar ftit jiem ta' mistrieħ qabel tissokta l-ħidma fl-aħħar xhur tas-sena. F'Settembru u f'Ottubru, il-familji Maltin jerġgħu jidħlu fir-rutina, bit-tfal lura fl-iskejjel tagħna, u għalhekk il-ħajja tissokta.

Nistqarr li huwa ta' pjaċir kbir għalija li l-ewwel inizjattiva li ħabbart wara x-xhur sajfin kienet l-inawgurazzjoni tal-isptar il-ġdid tal-annimali. Filwaqt li kont qed indawwar lill-Prim Ministru mal-isptar il-ġdid wara l-inawgurazzjoni tiegħu, ġibt quddiem għajnejja x-xhur twal ta' ħidma li għaddejna fuq dan il-proġett. Niftakar li meta ġejt affaċċjat bis-sitwazzjoni li l-operatur privat xtaq jieqaf joffri dan is-servizz, kont determinat li ndawwar din il-problema f'opportunità.

Ħadt din l-okkażżjoni, u meta ħriġna t-tender għamilniha ċara li rridu sptar tal-annimali u mhux sempliċiment ċentru. U bħall-isptar tagħna l-bnedmin, dan se jopera 24 siegħa kuljum u b'servizzi oħra relatati. Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-operatur il-ġdid talli emmen fil-proġett u investa ħafna aktar milli kien maħsub sabiex ikun tassew faċilità state-of-the-art.

Ftit jiem wara l-inawgurazzjoni tal-isptar iltqajt ma' ħafna minnkom fl-Għammieri għat-tieni edizzjoni tal-Festa tal-Annimali. Waqt il-mixja bil-klieb u waqt li kont qed inżur l-attività ħadt gost ninnota li ġbarna taħt saqaf wieħed numru kbir ta' NGOs u santwarji li jikkontribwixxu ħafna lejn is-settur tal-ħarsien tal-annimali f'pajjiżna.

Iżda l-ħidma ma tiqafx hawn. F'dawn il-jiem se nkun qed inżur il-biċċerija ta' Malta biex nara x-xogħol kontinwu li għaddej f'din il-faċilità. Għalkemm wieħed forsi ma japprezzax biżżejjed dak li jiġri fil-Marsa, ta' min ifakkar illi l-biċċerija għandha rwol ċentrali għaliex min hemm irid jgħaddi parti sostanzjali mil-laħam li nipproduċu. Dan jitlob standards għolja ta' iġjene u kwalità. B'xorti tajba, l-investimenti li għamilna fl-aħħar tliet snin ħallew il-frott, u t-theddida li Malta kellha mill-Kummissjoni Ewropea li se tagħlaq il-biċċerija issa sfaxxat.

Din hija biss parti żgħira mill-ħidma li għandna quddiemna f'dawn il-ġimgħat. Nispera li ssibu din l-edizzjoni ta' "Nisġet Artna", li issa waslet fit-tmien ħarġa, interessanti u informattiva bħal dejjem.

Tislijiet,

Roderick Galdes

# ĦAXIX, FROTT U ĦALIB FRISK GĦALL-ISTUDENTI FL-ISKEJJEL

L-Aġenzija għall-Pagamenti Rurali (ARPA) hi responsabbli li tamministra diversi skemi li jħallu diversi benefiċċji. Fost l-aktar skemi magħrufa hemm l-Iskema tal-Frott u l-Ħaxix għall-iskejjel, skema li ġiet imnedija fis-sena 2009 u ser titkompla anke fil-programm il-ġdid.

L-iskema tal-frott hi maħsuba sabiex tippromwovi l-ħtieġa ta' dieta bilanċjata fost it-tfal u sabiex teduka dwar l-importanza tal-frott u l-ħaxix għas-saħħa. L-interess u l-parteċipazzjoni f'din l-iskema hija għolja ferm u kull sena jibbenefikaw xejn anqas minn 30,000 student u studenta Maltin u Għawdxin, f'aktar minn 130 skola pubblika, indipendenti u tal-Knisja.

Din l-iskema hi ffinanzjata 75% mill-Unjoni Ewropea u 25% mill-Gvern Malti, u tiffinanzja x-xiri u t-tqassim ta' varjetà ta' frott u ħxejjex illi jingħataw b'xejn, darba fil-ġimgħa, lil kull student matul is-sena skolastika kollha, inkluż ukoll fi Skola Sajf.

L-iskema tal-Ħalib bdiet fis-sena 2010 u hija wkoll maħsuba sabiex trawwem fost it-tfal tal-iskola kultura ta' konsum ta' prodotti alimentari li huma tajbin għas-saħħa. Din l-iskema hi ffinanzjata kompletament mill-Unjoni Ewropea u tkopri spejjeż relatati max-xiri u t-tqassim ta' porzjonijiet ta' ħalib u prodotti magħmula mill-ħalib fl-iskejjel pubbliċi, tal-Knisja u kif ukoll dawk privati matul is-sena skolastika kollha. Għalkemm għad hemm lok għal parteċipazzjoni akbar, tajjeb jingħad illi grazzi għal din l-iskema jibbenefikaw madwar 15,000 student u studenta f'Malta u Għawdex, u aktar minn 40 skola.

Importanti li jissemma wkoll illi bħalissa għaddej xogħol sabiex minn Awwissu 2017, dawn iż-żewġ skemi jingħaqdu f'waħda sabiex issir simplifikazzjoni fit-twettiq ta' dawn iż-żewġ skemi, biex b'hekk jittaffa ftit mill-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet u fuq l-iskejjel, kif ukoll titwessa' l-għażla ta' prodotti li jkunu qegħdin jitqassmu.




## SKEMI OĦRA

Lil hinn mill-iskejjel, l-ARPA tamministra wkoll skema ta' għajnuna għal min irabbi n-naħal. L-iskema tal-Apikoltura bdiet fis-sena 2010 bil-ħsieb li tgħin lill-industrija tat-trobbija tan-naħal u dik tal-produzzjoni tal-għasel u prodotti relatati sabiex il-ħidma tagħhom tkun aktar produttiva, sostenibbli u kompetittiva, anke meta mqabbla mal-industriji ta' barra.

Din l-iskema, iffinanzjata 50% mill-Unjoni Ewropea u 50% mill-Gvern Malti, tipprovdi għajnuna teknika għal korsijiet u pubblikazzjonijiet għal min irabbi n-naħal, għajnuna kontra l-firxa tal-Varroa b'forniment ta' trattament u riċerka, għajnuna għat-trasport tan-naħal li tinkludi wkoll ix-xiri ta' tagħmir neċessarju, għajnuna għall-analiżi tal-għasel fil-laboratorji, għax-xiri tal-kolonji tan-naħal, u għax-xiri u t-tnissil ta' rġejjen, kif ukoll għajnuna għall-kooperazzjoni ma' entitajiet speċjalizzati fir-riċerka dwar prodotti tan-naħal tajbin għas-saħħa tal-bniedem. L-applikazzjonijiet għal din is-sena għadhom kif għalqu iżda huwa mistenni li s-sena d-dieħla terġa' toħroġ sejħa ġdida għal applikazzjonijiet ġodda.

L-ARPA tamministra wkoll sensiela ta' skemi maħsuba sabiex itejbu l-kompetittività ta' produtturi agrikoli Maltin u Għawdxin. Dawn l-iskemi huma miftuħa għal dawk l-għaqdiet u l-organizzazzjonijiet ta' produtturi li huma rikonoxxuti mid-Direttorat tal-Agrikoltura u joffru għajnuna finanzjarja abbażi tal-valur tal-produzzjoni ta' prodotti agrikoli. Fil-każ ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi tista' tingħata wkoll għajnuna skont il-valur tal-ispiża ta' investimenti eliġibbli għal proġetti partikolari.

*Dan l-artikolu nkiteb minn Malcolm Vassallo Senior Manager Agriculture and Rural Payments - EU Internal and External Communication*

# METODI ALTERNATTIVI KIF NIPPRESERVAW IŻ-ŻEBBUĠ





Fis-Sebgħinijiet kien sar studju intensiv dwar iż-żebbuġ ta' Malta u l-proċess ta' preservazzjoni tiegħu. Dan il-proċess għadu jintuża sal-lum!

Grazzi għal diskussjoni li kelli mas-Sur John Bonnici, f'dan l-artiklu se nsegwu l-proċess dwar kif wieħed jagħmel iż-żebbuġ fis-salmura. Għalkemm hija ħaġa komda li nixtru ż-żebbuġ lest fis-salmura biex imbagħad inqegħduh fiż-żejt qabel nikkunsmawh, insibu nies illi l-gost tagħhom ikun li jagħmlu dan il-proċess huma stess.

Se nagħtu żewġ metodi ta' kif wieħed jista' jinduna li jkun tefa' melħ biżżejjed. L-ewwel metodu ta' kif għandna nżidu l-ammont ta' melħ mal-ilma huwa permezz ta' bajda; kif il-bajda titla' fil-wiċċ tar-reċipjent turi indikazzjoni li nkunu żidna melħ biżżejjed.

Metodu ieħor li ġie ppruvat huwa dan li ġej:

kif jinqata' ż-żebbuġ trid taħslu, imbagħad jitħalla jixxarrab għal għaxart'ijiem fl-ilma ċar, u huwa importanti li dan l-ilma jinbidel kuljum. Kif jgħaddu l-għaxart'ijiem tista' tibda tippakkja ż-żebbuġ f'vażetti. Kemm jista' jkun, il-parti ta' fuq tal-vażett għandha tkun wiesgħa bit-tapp u bil-kamin. Hawnhekk John qalilna li wieħed dejjem irid jimxi fuq il-formola ta' parti melħ oħxon ma' għaxar partijiet ilma. Fi kliem ieħor, jekk nagħmlu tazza bil-melħ irridu nħolluha f'għaxar tazzi tal-istess daqs mimlijin ilma. Ta' min jgħid ukoll illi hawn min ifettel l-ilma ħalli l-melħ jinħall iktar malajr. Permezz ta' kuċċarun nadif inferrgħu din it-taħlita fuq iż-żebbuġ li nkunu diġà tfajna fil-vażetti. Importanti li nagħlqu l-vażetti tajjeb. Tlieta jew erba' xhur wara nistgħu naqbdu mgħarfa tal-plastik biex naraw jekk iż-żebbuġ ikunx sar: jekk naraw li hu tajjeb nistgħu nibdew noħorġuh mis-salmura u nqegħduh fiż-żejt. Is-Sur Bonnici jagħmel enfasi li kemm jista' jkun għandna nużaw frieket jew mgħaref tal-plastik biex ma nagħmlux ħsara liż-żebbuġ.

Għal min iħobb jipprova metodi differenti, iż-żebbuġ nistgħu nippreservawh ukoll bil-ħxejjex aromatiċi billi nużaw dan il-metodu:

wara li nkunu neħħejna ż-żebbuġ mis-salmura, inneħħulu l-għadma u naqsmuh min-nofs. Imbagħad inlestu taħlita ta' ħxejjex aromatiċi: nagħniegħ, merqtux u ħabaq. Sadanittant inkunu lestejna vażetti mdaqqsin u kemm jista' jkun wesgħin minn fuq biex inkunu nistgħu naħdmu aħjar u nibdew nippakkjaw iż-żebbuġ u l-ħxejjex aromatiċi saff, saff, jiġifieri saff żebbuġ u saff ħxejjex aromatiċi.

Meta jidhrilna li nkunu għamilna biżżejjed f'kull vażett, inżidu daqsxejn żejt fil-wiċċ u nagħlqu l-vażett tajjeb. Din it-taħlita hija tajba wkoll bħala kontorn għal mal-ħut.

*Dan l-artiklu nkiteb minn Ramona Borg*

# SPTAR ĠDID GĦALL-ANNIMALI



## IL-KOBOR TAL-ISPTAR IPPERMETTA LI JKUN HEMM SEZZJONIJIET DIFFERENTI.

L-Isptar San Franġisk f'Ta' Qali ħa dehra ġdida hekk kif f'dawn il-jiem tlesta x-xogħol kollu meħtieġ biex b'hekk nistgħu ngħidu li se jkollna l-ewwel sptar veterinarju f'Malta.

Wieħed jista' jinnota li apparti dehra mill-isbaħ, l-isptar huwa mgħammar b'apparat ġdid fjamant u bl-aqwa faċilitajiet. L-operatur il-ġdid spjega kif bil-mod li ġie mqassam l-isptar, jista' jsir tindif aħjar u b'hekk ikun hemm aktar indafa għaliex jista' jitnaddaf parti, parti u fl-istess waqt ikun qiegħed jintuża bla problemi. Dan minbarra xogħol ta' infrastruttura li kellha ssir sabiex dan l-isptar jibda jaqdi verament il-ħtiġijiet ta' sptar veterinarju.

Apparti l-bidla radikali li saret fl-istruttura ġiet indirizzata l-problema li kien hemm dwar il-prezzijiet. Dan għaliex ġiet stabbilita lista ta' prezzijiet skont l-intervent u s-servizz li wieħed ikun irċieva. B'hekk kulħadd ikollu linja gwida tal-prezzijiet.

Kwistjoni oħra li kienet tinkwieta lill-pubbliku minħabba l-mard, hija li l-annimali li jinġabru mit-toroq mill-Animal Welfare kienu jitħalltu ma' annimali oħra. Din il-problema ġiet solvuta wkoll għaliex il-kobor tal-isptar ippermetta li jkun hemm sezzjonijiet differenti.

Dan għandu jassigura li l-pubbliku jkollu aktar serħan il-moħħ meta jkollu ħtieġa li jieħu lill-annimali tiegħu għall-kura fl-isptar.




APH
VETERINARY HOSPITAL







# IL-ĠRADEN TAL-LARINĠ

Is-siġar tal-larinġ u varjetajiet oħra taċ-ċitru kienu fost l-aktar siġar meqjusa importanti fil-gżejjer Maltin. Frotta bnina, sustanzjuża u itjeb minn ta' Malta diffiċli biex issib. Il-frott tal-larinġ issibu bejn Diċembru u April, żmien pjuttost twil meta ma tantx se ssib frott ieħor lokali. Huma dawn il-fatturi li fil-passat kienu jagħmlu l-ġraden tal-larinġ daqshekk importanti.

Is-siġar tal-larinġ huma siġar delikati u għalkemm jikbru tajjeb fil-klima tagħna jirrikjedu ħafna lqugħ mir-riħ, kif ukoll ammont ta' ilma fix-xhur nixfin tas-Sajf. Għal dan il-għan kull ġardin ikun mgħammar b'ġiebja jew ġibjun imdaqqas - kultant aktar minn wieħed - biex jinħażen l-ilma tax-xita biex jintuża għat-tisqija matul iż-żmien tas-Sajf. Il-ġebel li jinqata' mill-istess ġibjun kien jintuża biex jinbnew il-ħitan għoljin biex iservu ta' lqugħ għar-riħ. Il-ġebel il-kbir jintuża fil-bażi tal-ħitan filwaqt illi l-ġebel iż-żgħir u l-laqx jintuża biex tinbena n-naħa ta' fuq tal-ħajt. Meta l-ġardin ikun mifrux fuq art imdaqqsa, sabiex dejjem titnaqqas is-saħħa tar-riħ, kienu jinbnew ħitan diviżorji u l-ġardin jinqasam fi ċnut differenti.

Fuq kull ġibjun kien jinbena l-plier, kultant anke tnejn, fejn tiddendel it-tarjola biex jittella' l-ilma. Fejn il-bokka kien jinħadem ħawt kbir tal-ġebel u miegħu jkunu mqabbda sensiela ta' kanali tal-ġebel biex iwasslu l-ilma ma' kull rokna tal-ġardin. Kultant issib ġonna li kienu mgħammra bis-sienja fejn l-ilma kien jittella' mill-ġibjun permezz tal-bhejjem.

Fil-ġraden kont issib l-aktar siġar tal-larinġ, iżda kultant issib ukoll siġar oħrajn, bħal tal-ħawħ, tal-lanġas, rummien u naspli. Kultant anke siġar tal-frott eżotiku bħal avokado, banana, kaki u pistaċċa, jew ornamentali bħal ponsjetta. F'xi ġraden issib ukoll il-post fejn titrabba xi qolla jew tnejn naħal u ġieli wkoll xi griebeġ u gallinari għall-fniek u t-tiġieġ.

Ħafna mill-ġraden issibhom fuq wara tad-djar jew mal-ġenb. Il-kobor tal-ġardin jiddependi minn kemm l-okkupant ikun jiflaħ iħallas. Fil-fatt meta naraw id-djar ta' xi baruni jew ta' nies prominenti, aktarx ikollhom ġardin imdaqqas. Xi kultant issib ukoll xi ġardin fir-raba', l-aktar fejn ikun hemm art fertili.

Il-kultura tal-ġraden baqgħet ukoll sas-Sittinijiet, fejn kważi kull min jibni daru kien jaħseb għal xi ġardina żgħira fejn ikun jista' jrawwem nofs tużżana siġar tal-larinġ, mandolin u xi siġra tal-lumi biex iservu l-frott għall-familja.

Illum il-folja nqalbet. Fis-suq issib kull varjetà ta' frott impurtat kważi s-sena kollha, u ħafna mill-ġraden spiċċaw inbnew fi djar u appartamenti. Il-ftit ġonna li baqa', uħud minnhom igawdu minn protezzjoni speċjali ddisinjata għall-ġonna, iżda l-kumplament qegħdin taħt il-kundanna tal-iżvilupp.





*Dan l-artiklu nkiteb minn Philip Camilleri, Uffiċjal Xjentifiku fi ħdan is-Sezzjoni Regolatorja.*

# ĦXEJJEX ĠODDA NUTRITTIVI JITKABBRU FL-GĦAMMIERI

Fl-aħħar snin, is-saħħa tal-bniedem qiegħda tingħata importanza ferm akbar milli kienet tingħata sa ftit żmien ilu. In-nies saret iktar konxja ta' x'tip ta' ikel tikkonsma, kif ukoll tinkludi iktar eżerċizzju fiżiku fil-ħajja ta' kuljum. Huwa għalhekk illi bħala parti mix-xogħol ewlieni ta' dan id-Direttorat huwa li ssir riċerka fuq tipi ta' ħxejjex nutrittivi u ġodda li qed jiddominaw is-swieq barra minn xtutna.

Din ir-riċerka qiegħda ssir ġewwa l-Għammieri, fejn dawn jitħawlu u jitkabbru sabiex bil-mod il-mod inżidu l-għarfien dwarhom mill-att ta' produzzjoni u jibdew jiġu introdotti fis-suq lokali. Permezz ta' dan, wieħed ikun jista' jibda jsibhom faċilment għand tal-ħanut les-ti għall-konsum. Illum ser nitkellmu fuq tnejn minn dawn il-ħxejjex li kabbarna dan l-aħħar.



## CIME DI RAPA / BROCCOLI RABE

Magħrufa wkoll bħala 'broccoletto' u 'rapini', iċ-'Cime di Rapa' hija ħaxixa li tiġi mill-familja tal-Kromb 'Brassica' li tinkludi wkoll ħxejjex bħal brokkoli u kaboċċi. Din it-tip ta' brokkoli tagħmel fjuretti żgħar fil-forma tal-brokkola li nsibu fis-suq, u madwarhom għandhom weraq illi jittiekel ukoll. Bħala ħaxixa għandha valur nutrittiv għoli ħafna speċjalment fil-vitamina Ċ , fil-pro-vitamina A, fil-Vitamina K, fil-ħadid u l-"folate".

Hija l-ħaxixa ideali għal min ibati bil-mard tal-qalb, tagħti spinta lis-siste-ma immunitarja, kif ukoll tagħmel ġid lill-ġilda, l-għadam u s-snien.

Iċ-'Cime di Rapa' hija komuni fiċ-Ċina u popolari ħafna fil-kċina tal-Italja t'isfel. Meta tixtriha dejjem fittex illi jkollok zokk aħdar sabiħ u weraq skur. Id-dar tista' tinżamm fil-friġġ għal madwar erbat'ijiem.

Mill-prova li saret fl-Għammieri nnutajna li din il-ħaxixa għandha bżonn ħamrija fertili u jkun aħjar jekk titħawwel f'temp mhux daqshekk sħun, imma bejn wieħed u ieħor għal Settembru

### KIF TISSAJJAR:

Tista' ssajjarha b'mod sempliċi ħafna billi tgħalliha għal ftit minuti ġo ilma bil-melħ.
Mod ieħor ta' sajran huwa kif tissajjar fin-naħa t'isfel tal-Italja. Qatta' fin daqs tmien tewmiet. Ġo taġen saħħan żewġ imgħaref żejt taż-żebbuġa u ftit butir. Waddab it-tewm u kif tar-ah qed jieħu lewn safrani, itfa' ċ-cime di rapa (li tkun diġa mgħollija). Ħallat kol-lox f'daqqa u dewwimhom daqs żewġ minuti fuq in-nar. Magħhom tista' wkoll iżżid naqra bżar aħmar (felfel), melħ u bżar. Din it-taħlita tmur tajjeb ħafna ma' tip t'għaġin "orecchiette". Tista' sserviha wkoll bi ftit par-meġġjan maħkuk.

### KIF TITKABBAR FL-GĦALQA:

Bħala ħaxixa hija ideali għal min jixtieq jibda jkun familjari mal-biedja. Dan għaliex huwa verament faċli biex tkabbarha fil-ġnien jew fl-għalqa. Meta tħawwilha trid tara li bejn pjanta u oħra tħalli wisgħa ta' madwar 20ċm u trid tissaqqa ta' spiss. Għandha bżonn ħafna dawl tax-xemx u ħamrija fertili.

### KIF TINTUŻA FIL-KĊINA:

Tista' tintuża kemm mal-insalata flimkien ma' xi ħxejjex oħra bħal tadam, bżar ikkulurit, karrotti u ħjar. Magħha tista' wkoll iżżid xi biċċa sidra tat-tiġieġ mixwija jew landa tonn taż-żejt għal ikla kompluta u nutrittiva.

## IL-ĦASSA "CANASTA"

Prova oħra li għamilna kienet dik bil-ħass tat-tip 'Canasta'. Din il-ħassa hija magħmula kbira, tiżen madwar kilo` u għolja madwar 25ċm. Il-lewn tagħha huwa aħdar u fit-tarf tal-werqa tibda taqleb il-kulur għall-aħmar fil-vjola. Titkab-bar f'kull staġun tas-sena iżda nnutajna li tal-istaġun tas-sajf kellha togħma kemxejn mor-ra, filwaqt illi f'temperaturi iktar friski din ikollha togħma ħelwa u pjaċevoli. Bħala ħas-sa timmatura malajr ħafna, għaliex fi żmien xahar kienet diġà waslet biex tinqata'.

*Dawn l-artikli nkitbu minn Claire Cauchi, Uffiċjal Agrikolu Anzjan fi ħdan id-Direttorat għall-kompetizzjoni u d-Diversifikazzjoni*

# RAZEZ DOMESTIĊI MALTIN

## Varjetajiet ta' Siġar tal-Frott Uniċi Għall-Gżejjer Maltin

Minkejja li l-arċipelagu Malti huwa milqut minn ħafna riħ u jilqa' ftit wisq mill-ilma tax-xita, u ftit huma dawk l-inħawi fejn issib ilma ġieri s-sena kollha, xorta hawn diversità ġmielha ta' siġar indiġeni. Il-parti l-kbira tas-siġar lokali jifilħu għall-kundizzjonijiet nixfin. Madwar sittin speċi ta' siġar huma kkunsidrati indiġeni u arkeofiti. Madankollu, dawn ma jinkludux il-varjetajiet lokali tas-siġar tal-frott ikkultivati. Meta ngħidu indiġenu jfisser li huwa naturali tal-post, mhux introdott mill-bniedem. Fost dak indiġenu nistgħu nsemmu l-Għargħar, iż-Żnuber, il-Ballut, il-Fraxxnu, ir-Riħan, id-Deru u oħrajn. Siġar indiġeni tal-frott li jistgħu jittieklu mis-siġra stess huma ż-Żagħrun u l-Anżalor. Dawn is siġar ukoll jidhru li hemm forom endemiċi tagħhom, iżda dan għadu għaddej studju mill-awturi dwarhom.

Speċi kkunsidrati bħala arkeofiti huma dawk illi ġew introdotti mill-bniedem fiż-żmien l-antik ta' ħames mitt sena u iktar. Dawn l-ispeċi ġew aċċettati bħala parti mill-flora Maltija. Eżempji ċerti huma siġar li jagħmlu frott jew miżwed tajbin għall-ikel, bħall-Ħarrub, ir-Rummien, il-Lewż, it-Tin u ż-Żebbuġ.

F'dan l-artiklu se niffukaw fuq il-varjetajiet ta' frott imsemmija għal Malta, jew probabbilment jinstabu f'pajjiżna biss. Nibdew miċ-ċitru: insibu l-Larinġ tad-Demm ta' Malta. Din ġiet deskritta l-ewwel darba fl-1747. Oħrajn li jissemmew fil-letteratura antika huma l-Larinġ Twil ta' Malta u l-Larinġ Twil tad-Demm ta' Malta.

Waħda mill-iktar siġar komuni fil-gżejjer Maltin hija ż-Żebbuġa, imma l-varjetajiet lokali huma rari, u jissejħu ż-Żebbuġ Malti, Tal-Bitni u Tal-Bajda. Iż-żebbuġ selvaġġ (Olea europea subsp. oleaster) huwa iktar b'forma ta' arbuxell milli siġra. Il-Ħarruba hija wkoll siġra komuni f'Malta, u jeżistu varjetajiet lokali, għalkemm ma nafux liema huma komuni u liema le. Jissemmew il-Ġidri, l-Aħmar u l-Għasli, skont l-għamla taz-zkuk u l-forma tal -miżwed. Siġar oħrajn komuni fil-pajsaġġ Malti huma l-Lewża u t-Tin. Varjetà lokali li tissemma hija l-Lewż Melliesi ta' Malta filwaqt illi tat-tin huma l-Bżengul Abjad Tas-Sur, it-Tin Abjad ta' Ħal Lija, it-Tin tal-Baħrija u t-Tin Aħdar.

Għall-kuntrarju, siġar tal-frott li mhumiex komuni bħala speċi hawn Malta huma l-Lanġas u t-Tuffieħ. Tliet speċi ta' lanġas selvaġġ jeżistu f'Malta: Pyrus communis, P. Syriaca u P. amygdaliformis, illi kollha huma rari. Il-Lanġas Komuni (Pyrus communis) huwa l-iktar viċin ta' li ġejjin: il-Mascarella ta' Malta, tal-Bambinella, dawk illi jagħmlu l-frott fis-Sajf, u tal-Ħarifa, dawk illi jissemmew l-Angelica ta' Malta u l-Ottobrina jew id-Duchessa ta' Malta.



Rigward tuffieħ, ma jinstabx Tuffieħ Selvaġġ hawn Malta minħabba l-klima sħuna, imma varjetà waħda lokali teżisti: it-Tuffieħa ta' Belludja. Insibu żewġ varjetajiet ta' Naspli li huma n-Naspla Ħelwa u n-Naspla b'qagħda ta` lanġasa, li oriġinaw mill-Buskett.

Jissemmew diversi varjetajiet u forom lokali ta' ħawħ, li huma: il-Ħawħa Bikrija, il-Ħawħa ta' Malta, il-Ħawħa Safra ta' Malta, il-Ħawħa Kbira Bajda tal-Mosta, il-Ħawħ tal-Buskett u l-Ħawħ tar-Rabat. Magħhom jaqa' n-Nuċiprisk Abjad ta' Malta, in-Nuċiprisk Aħmar ta' Malta, u n-Nuċiprisk tal-Armier.

Mid-dehra, 'il fuq minn 120 varjetà lokali ta' għeneb illi nafu bihom huma varjetajiet li oriġinaw lokalment f'pajjiżna. Dawn huma l-Għaġeb ta' Rdum, Twila Sewda ta` Rdum, Beżżul il-Barka, Miġnuna Bajda, Ġellewża Sewda, Ġellewża Ħoxna tal-Madliena, Ġellewża Twila, Ġorbina Bajda, Grinjolin ta' Malta, Insolja Irqiqa Ħelwa ta' Malta, Insolja Maltija Morra, Insolja Maltija Rqiqa, Insolja Sewda ta' Għajn Tuffieħa, Insolja Sewda tal-Inbid, Insolja ta' Burnaħħala, Insolja ta' Ġennaru, Insolja tal-Ġnien Fieres, Insolja tal-Għassari, Insolja tal-Girgentina, Insolja tal-Ġnejna, Insolja Twila Ħamranija, Insolja Ħadra tal-Bjar, Iswed ta' Bieka, Iswed tal-Ħawwief, Iswed ta' Maimaz, Tal-Imtarfa, Marsusa, Sewda tan-Naħal, Marsusa tan-Nebbiet, Il-Melliħija, Miġnuna Bajda tar-Rabat, Miġnuna tal-Lixx, Miġnuna tal-Pellegrin, Muscatell Iswed tal-Għasri, Muscatell tal-Għasafar, Muscatell tan-Nebbiet, Nebbieta ta' wied Ħażrun, Nebbieta ta' Wied Liemu, Nigrua, Zakk in-Nagħġa, Serkużana tal-Ġnien Fieres, Serkużan tal-Ibjar, Sewda ta' Moħħha Iswed tal-Laħam, u Dielja ta' Zammit-Gauci.

L-Insolja t'Għawdex, il-Frawla Maltija, il-Banana ta' Malta u l-Bajtar ta' Malta, probabbilment huma varjetajiet barranin b'isem Malti.

Ħafna minn dawn il-varjetajiet huma antiki għexieren ta' snin, u l-ewwel dokumentazzjoni komprensiva saret minn Borg, fl-1922. Għadna sal-lum nivverifikaw b'modi xjentifiċi jekk il-lista preċedenti hix korretta, u nappellaw lill-pubbliku jgħaddilna kull informazjoni possibbli biex 'il quddiem inkunu nistgħu nagħtu stampa aktar ċara tar-razez domestiċi ta' siġar tal-frott li oriġinaw minn pajjiżna.

Għal aktar informazjoni nħeġġigkhom iżżuru https://www.facebook.com/Columbatopia.



*Hajr lil Andre Sciberras tar-ritratti.*
*Dan l-artiklu nkiteb minn: Arnold u Jeffrey Sciberras, Ricerkaturi fuq il Biodiversita'*



# QATT DOQT IT-TJUBIJA TAL-FARAWNI?

Il-Farawni hija tajra oħra tat-trobbija, li forsi mhix daqshekk popolari magħna l-Maltin. Dan l-aħħar snin sar aktar jitrabba minn delettanti u esebituri tat-tjur, iżda propjament din hija tajra li titrabba għall-konsum tal-laħam.

Il-Farawni, oriġinarjament huma endemiċi għall-kontinent Afrikan fejn għadhom jinsabu fl-istat naturali sal-ġurnata tal-lum. Jeżistu numru ta' speċi differenti ta' Farawni li jagħmlu parti mill-ordni tat-tiġieġ, faġani, perniċi u familji simli oħra. Ir-razza domestika ġiet imnissla mill-ispeċi tal-"Helmeted Guineafowl" (Numida meleagris) li tassew jixtiebħu fid-dehra. Jeżistu bosta lwien ta' Farawni domestiċi, l-aktar popolari l-griż ċombi bit-tikek bojod. Tista' ssib ukoll il-griż ċar, l-iswed, jew baqri li jkun bit-tikek bojod jew bla tikek. Jeżisti l-abjad sħiħ ukoll. Mhux daqshekk faċli biex nagħrfu l-irġiel min-nisa, iżda ġeneralment l-irġiel ikollhom il-qarn u l-imsielet daqsxejn akbar minn tan-nisa u f'qagħda aktar miftuħa. Metodu tajjeb biex jingħarfu hija l-għajta: in-nisa biss jgħajtu għajta b'żewġ noti.

Il-Farawni jbidu bejn 25 u 30 bajda iżda mhux in-nisa kollha joqogħdu qrajjaq. Il-bajd mhuwiex ta' daqs kbir u jkun kważi tond u ġej għall-ponta fin-naħa ta' fuq, ta' lewn fil-ħamrani u għandu qoxra tassew ħoxna u f'saħħitha. Il-flieles jieħdu bejn 26 u 28 jum biex ifaqqsu u jibdew jiġru u jnaqqru ftit mumenti wara li jfaqqsu; bħall-flieles tat-tiġieġ. Il-flieles tal-Farawni huma kemxejn suxxetibbli għal umdità żejda, speċjalment għaċ-ċaflis. Jekk nevitaw sitwazjonijiet bħal dawn nistgħu ngħidu li l-flieles tagħhom huma tassew f'saħħithom u faċli biex jitrabbew.

Il-Farawni jipproduċu ammont konsiderevoli ta' laħam, u huwa tajra mill-itjeb! Ikun tajjeb li wieħed jipprova jduqu għax jipprovdi platt ta' kwalità b'differenza! Tajjeb li wieħed ikun jaf illi l-Farawni jkollu tebgħa sewdinija fuq il-ġilda fil-parti t'isfel ta' dahru li hija karatteristika normali ta' din it-tajra, li faċilment wieħed jaħseb li dan huwa laħam marid jew infettat b'xi ħaġa. Il-bajd jista' jittiekel ukoll iżda jkun daqsxejn qawwi fit-togħma. Jeżisti wkoll suq għar-rix tal-Farawni li jintuża għat-tiżjin jew anke ġieli ma' ħwejjeġ ta' ċerta moda. Tajjeb li ngħidu li dan ir-rix huwa By-product tal-produzzjoni primarja tal-laħam tal-Farawni, u mhux ikunu qegħdin jinqatlu dawn it-tjur speċifikament għar-rix tagħhom. Anzi f'dan il-każ inkunu qed nagħmlu użu minn xi ħaġa li kieku ntremiet.

Il-Farawni għandhom użu wkoll f'sistemi ta' biedja organika, għaliex huma jieklu ammonti kbar ta' insetti, u b'hekk nevitaw l-użu tal-pestiċidi. Ma stajtx nikkonkludi dan l-artiklu mingħajr ma nsemmi xi ħaġa importanti fuq il-Farawni, li hija l-għajta. Dawn it-tjur għandhom għajta partikolari u għolja ħafna, li jagħmluhom storbjużi ħafna speċjalment meta jaraw xi ħaġa li mhux tas-soltu jew xi persuna ġdida, tant illi nistgħu nqisuhom bħala klieb tal-għassa jew aħjar alarm. Din il-karatteristika tista' tkun ta' vantaġġ għal min jgħix f'żona rurali iżda tkun problema jekk nippruvaw inrabbuhom ġo xi bitħa għaliex żgur illi jkellmuna l-ġirien.



Lewn Baqri



Lewn Abjad

*Dan l-artiklu nkiteb minn Philip Aquilina, Uffiċjal Agrikolu Anzjan fi ħdan is-Sezzjoni tal-Annimali.*

# ROKNA GĦAT-TFAL

Claire Cauchi

merlin library
Mountbatten Street, Blata l-Bajda | Bisazza Street, Sliema
T. 21234438 | mail@merlinlibrary.com
www.merlinlibrary.com | facebook.com/merlinlibrary

# IL-QOTON

## KIF INTOM TFAL?

Nispera li ħadtu gost waqt il-vaganzi tas-sajf. Issa li ħadtu waqfa sew mill-iskola min jaf kemm kontu ħerqanin biex terġgħu tiltaqgħu ma' sħabkom. Min jaf kemm tkellimtu dwar dak illi għaddejtu minnu f'dan is-sajf! Issa moħħkom hemm ħalli tmorru tajjeb matul din is-sena ta! Tinsewx... dalwaqt jiġu l-ewwel vaganzi fil-bidu ta' Novembru.

Illum ser nitkellmu fuq il-pjanta tal-Qoton. Din ix-xitla ftit li xejn għadna nsibuha fl-għelieqi ta' madwarna u huwa għalhekk illi qegħdin nippreservawha fl-Għammieri biex ma tintilifx għal kollox.

Fi żmien il-Kavallieri (1530 – 1798), l-industrija tat-tkabbir u l-esportazzjoni tal-qoton kienet ferm importanti għal pajjiżna. Nistgħu ngħidu li kien il-prodott ewlieni tal-bidwi Malti, u mhux talli kien hawn suq tajjeb għalih, iżda wkoll kien iġib prezz tajjeb ħafna għal dak iż-żmien. Il-Maltin kienu jużawh biex jagħmlu d-drapp, u ħafna familji kienu jaqilgħu l-għajxien tagħhom minnu. Tista' tgħid illi l-qoton kien jipprovdi xogħol mhux biss għall-bdiewa, iżda wkoll għal ħafna nisa li kienu jaħdmuh minn ġewwa djarhom.

Fis-Seklu Ħmistax tant kien hemm dħul finanzjarju mill-qoton, illi l-pajjiż seta' jħallas l-ispejjeż tas-swar tal-Imdina. Ix-xitla tal-qoton tidher saħansitra fl-arma tal-Gran Mastru Cottoner, u wieħed isibha anke mnaqqxa fl-arma tal-istess Gran Mastru li tinsab fuq l-altari tal-knisja ta' San Girgor fiż-Żejtun.

Mal-wasla tal-Franċiżi, l-industrija tal-qoton ħadet daqqa ta' ħarta. Apparti minn hekk, fl-istess żminijiet ħakmet pajjiżna l-marda tal-pesta, u din ukoll, xi ftit jew wisq affettwat ħażin. Maż-żminijiet bdiet tidħol il-kompetizzjoni minn pajjiżi kbar bħall-Istati Uniti u l-Eġittu, u għalhekk il-bidwi Malti kien jaqbillu li jibda jinvesti fi prodott ieħor biex jagħmel il-qligħ minnu. Kien għalhekk illi l-bidwi beda jinvesti fl-industrija tal-patata, industrija li għadha b'saħħitha sal-ġurnata tal-lum.

### KOMPETIZZJONI:

Sib dawn il-kliem dwar il-Flora Maltija fil-kaxxi. L-ewwel tweġiba korretta li tittella' bil-polza tirbaħ ktieb ġentilment mogħti mingħand "Merlin Library".

Ibagħtu l-kupuni tagħkom flimkien ma' isem u kunjom, data tat-twelid, indirizz tad-dar, indirizz elettroniku u numru tat-telefown lill-"Kompetizzjoni Nisġet Artna", Taqsima Festi Rurali, Ċentru ta' Riċerka u l-Iżvilupp, L-Għammieri, Triq l-Ingiered, Il-Marsa, MRS 3303.

Il-kupuni għandhom jaslu sat-28 ta' Ottubru 2016. Din il-kompetizzjoni hija miftuħa għal tfal tal-primarja u s-sekondarja.

Dawn huma l-kelmiet illi għandek issib fit-tisliba:

BALLUT
DERU
FIDLOQQOM
FRIZJA
GHARGHAR
GHOLLIEQ
GLADJOLI
HARRUB
HURRIEQ
KAPPAR
KLIN
PANKRAZJU
PAPOCCI
SAGHTAR
TULLIERA

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| E | Z | Z | S | M | A | O | R | R | N | K | O | K | Q | K |
| N | E | T | A | G | X | G | V | A | A | I | I | L | N | A |
| Q | H | H | Z | S | W | J | K | I | H | T | L | N | L | P |
| R | N | I | B | R | B | I | M | R | P | G | H | K | R | P |
| T | U | L | L | I | E | R | A | Q | A | Q | R | G | E | A |
| M | O | Q | Q | O | L | D | I | F | N | E | P | A | A | R |
| X | M | H | E | B | T | A | I | Q | K | I | A | Q | H | S |
| C | H | Q | K | U | J | L | E | P | R | R | P | Q | Z | G |
| F | U | P | L | Z | O | I | Y | F | A | R | O | L | T | L |
| A | E | L | I | J | L | H | H | T | Z | U | C | N | O | P |
| O | A | R | D | L | F | N | A | B | J | H | C | O | N | X |
| B | F | A | O | B | F | S | L | R | U | O | I | S | P | X |
| I | L | H | J | W | J | B | A | R | R | A | H | V | Z | A |
| G | G | U | I | X | L | C | O | Q | Z | U | M | V | B | I |
| D | E | R | U | T | F | K | F | X | T | C | B | L | L | Q |



IR-REBBIEĦ TAL-EDIZZJONI LI GĦADDIET KIEN
**ZACK AZZOPARDI**

# PUDINA TAL-ĦOBŻ BIT-TUFFIEĦ U ĠEWŻ SERVUTA B'ZALZA BL-GĦASEL



Riċetta – Andrew Farrugia Lettur fl-Istitut tal-Istudji Turistici

## L-INGREDJENTI **GĦALL-PUDINA**

ħobża tal-Malti
100 gramma zokkor;
3 bajdiet;
50ml krema friska;
2 tuffiħat imqattgħin kubetti u mgħollijin;
3 gramma kannella;
100 gramma żbib imxarrab għal lejl sħiħ fir-rum ismar;
100 gramma ġewż;
kuċċarina vanilla.

## L-INGREDJENTI **GĦAZ-ZALZA**

3 mgħaref għasel;
bott żgħir ħalib;
20 gramma butir.







## METODU

Xarrab il-ħobż fl-ilma għal madwar kwarta. Agħsar l-ilma sew minn ġo passatur u poġġi ġo skutella kbira.

Itfa' z-zokkor, kannella, vanilla u ż-żbib, u ħallat sew. Imbagħad żid il bajd u l-krema. Fl-aħħar żid it-tuffieħ u nofs il-ġewż. Idlek dixx bil-butir, itfa' t taħlit, u wara l-kumplament tal-ġewż.

Sajjar ġo forn 165c għal madwar 35 minuta.

Iz-zalza ssir billi titfa' l-halib, l-għasel u l-butir ġo kazzola, u sajjar fuq nar bati ghal madwar ħames minuti.




# ĦALIB FRISK GĦAL KULĦADD

Fl-aħħar ġimgħat, il-"Malta Dairy Products Limited" nediet prodotti ġodda tal-Benna li huma "lactose-free". Dan ifisser illi għall-ewwel darba, il-konsumatur Malti jista' jagħmel użu minn ħalib u prodotti "lactose-free" magħmulin minn ħalib frisk.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Roderick Galdes qal illi dan jimmarka pass ieħor 'il quddiem fl-istorja tal-Benna, b'din il-firxa ġdida ta' prodotti li tassigura li l-ħalib frisk jitgawda minn kulħadd. Qal illi filwaqt li fil-bqija tal-Ewropa hemm kriżi kbira għall-produtturi tal-ħalib wara li tneħħew il-kwoti, f'Malta l-Benna hija storja ta' suċċess li tixtri madwar 40 miljun litru ħalib mir-raħħala lokali. Is-Segretarju Parlamentari nnota b'sodisfazzjon li l-Benna ħadet ħsieb ukoll illi dawn il-prodotti ġodda jkollhom prezzijiet kompetittivi ħafna, li jvarjaw minn 15 sa 70 ċenteżmu irħas għal kull litru ta' prodott simili impurtat.

# PJANTI MALTIN LI JMORRU LURA FI ŻMIEN IL-BIBBJA

Fl-aħħar ġimgħat daħal fis-suq lokali ktieb ġdid li jieħu perspettiva ferm differenti mis-soltu dwar il-pjanti u l-ortikultura lokali. Il-ktieb ġdid Maltese Plants in the Bible ta' Peter Calamatta jinkludi fih madwar 40 pjanta li nsibu lokalment, u li għandhom post ukoll fil-Bibbja.

F'kummenti lil Nisġet Artna, Calamatta xebbah l-ambjent u l-mod t'għixien ta' żmien il-Bibbja ma' dik rurali f'Malta ta' qabel il-gwerra, u qal li dan kien l-aspett li l-aktar impressjonah waqt ir-riċerka li għamel.

"Ċertu użanzi ta' dak iż-żmien għadek issibhom illum il-ġurnata f'diversi rziezet lokali speċjalment dawk li jinsabu Għawdex. Sfortunatament il-progress u t-teknoloġija moderna dejjem qed inaqqsu l-involviment dirett tal-bniedem u b'hekk ċertu użanzi qed jisparixxu," qal Calamatta.

L-awtur sostna li filwaqt li dan il-proġett kien ilu jberren f'moħħu għal żmien twil, kien fil-ħarifa ta' sentejn ilu li ddeċieda li jibda jara li dan il-proġett jitwettaq.

Wieħed mill-preġji tal-ktieb hu dak li filwaqt li jippreżenta informazzjoni teknika, din hi spjegata b'mod li jifhimha kulħadd u għalhekk tagħmel dan il-ktieb bħala wieħed adattat għal kulħadd.

Kull profitt minn din il-pubblikazzjoni se tingħata lill-Millennium Chapel immexxija minn Fr Hillary Tagliaferro.




*L-awtur Peter Calamatta jippreżenta l-ktieb lis-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes*

# 66 FEKRUNA

## JIEĦDU L-ĦAJJA F'GĦAJN TUFFIEĦA

L-aħħar jiem ta' Settembru fissru t-twelid ta' aktar minn 66 fekruna 'loggerhead', wara li fekruna kienet telgħet fil-bajja t'Għajn Tuffieħa biex tbid fil-bidu t'Awwissu. Kienet xena mill-isbaħ li tara dawk il-fkieren żgħar jagħmlu l-ewwel passi lejn il-baħar biex jibdew ħajjithom fil-baħar Malti.

Dan fisser sodisfazzjon kbir għal ammont ta' voluntiera ta' Nature Trust Malta li ħadu ħsieb joħolqu ambjent tajjeb u protett biex il-bajd ifaqqas. Saħansitra fil-jiem ta' qabel faqqas il-bajd kien hemm tħassib u biża li dawn setgħu ma jfaqqsux minħabba l-maltemp li ħakem lil pajjizna fil-granet ta' qabel.

L-ambjentalisti li kienu jinsabu fuq il-post fil-mument li l-bajd bdew ifaqqsu pruvaw jitfu hafna mid-dwal li jinsabu fuq il-bajja biex il-fkieren li kienu ghadhom kemm ifaqqsu ma jkunux disorjentati. Huma kellhom juzaw ukoll tip ta' dawl infra-red biex jiggwidaw il-fkieren lejn il-baħar.

Dan hu fenomenu naturali rari għal Malta. L-aħħar darba li din it-tip ta' fekruna telgħat tbid f'Malta kien fl-2012 fil-bajja tal-Ġnejna, pero dakinhar il-fkieren kienu baqgħu ma faqqsux. Hemm min jgħid li qabel dik id-darba, il-fkieren kienu ilhom ma jitilgħu fi xtajta f'Malta biex ibidu mis-snin Sittin.

Din it-tip ta' fekruna ghanda kulur ħamrani fil-kannella u hija waħda mil-aktar fkieren komuni li jinsabu ġewwa il-Kosta Atlantika. Minkejja dan, din il-fekruna hija klassifikata li qiegħda fil-periklu ta' estinzjoni mill- Unjoni Internazzjonali tal-Konservazzjoni tan-Natura. Fil-fatt li taqbad, toqtol jew b'xi mod tiddisturba l-fkieren jew il-bajd taghhom huwa pprojbit mil-ligi.



## PROFIL

**Isem xjentifiku**
Caretta Caretta

**Daqs**
3 piedi (0.9 m) u tizghen madwar 136 kg

**Hajja**
Il-fkieren nisa jitilgħu fuq il-bajjiet mal-lejl biex ibidu. Huma kapaci ibidu madwar 7 darbiet fi stagun wieħed u jbidu madwar 100 u 125 bajda kull 14-il gurnata. Il-bajd ifaqqsu wara 55 u 65 ġurnata u dan kollu iseħħ matul il-lejl. Huma jdumu ħajjin għal madwar 30 sena.

**Diffikultajiet**
L-akbar theddida għal dawn il-fkieren huwa t-telf ta' postijiet fejn ibidu. Dan iseħħ kawza ta' żvilupp fuq il-bajjiet u disturbanzi oħrajn bħal dawl fuq il-bajja li jikkawza disorjentazzjoni fil-mument tat-twelid tal-fkieren.

**Kont taf?**
Dawn it-tip ta' fkieren huma kapaċi jgħumu fl-ilma b' vélocita' ta' 24 km fis-siegħa.



# IL-GIRNA: KENN GĦAR-RAĦĦALA

## IL-GIRNA HIJA TIP TA' STRUTTURA RUSTIKA LI TIDDOMINA L-KAMPANJA U L-INĦAWI RURALI L-AKTAR FIT-TRAMUNTANA U L-PUNENT TA' MALTA.

Il-kelma "girna" mhix ċara minn fejn ġiet. Aquilina jaħseb li jista' jkun hemm konnessjoni mal-kelma Għarbija "gurn" li ġejja mill-kelma "garan" li tfisser munzell jew borġ ġebel.

Il-giren ma kinux jintużaw bħala abitazzjoni, imma aktar biex il-bidwi jkollu fejn jistkenn mill-elementi tan-natura, u biex ikollu wkoll fejn iżomm l-għodda tal-biedja u l-prodotti tar-raba'. Kienu wkoll iżommu lill-annimali fihom. Mill-banda l-oħra, Johannes Quintinus Haedues li kien membru tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, bejn l-1530-1536 kiteb deskrizzjoni fuq Malta, u jsemmi li l-Maltin kienu jgħixu f'tip ta' għar-ix. Teorija oħra fl-istess linja huwa d-dizzjunarju ta' Mikiel Anton Vassalli tal-1796, fejn jiddeskrivi l-girna bħala casa, tugurium, mapale; it. Capanna, casuccia li tfisser illi l-girna kienet dar sempliċi u fqira, użata mir-raħlin.

Minbarra Malta, tipi ta strutturi simili jinsabu f'artijiet oħra, fosthom l-Italja, Franza, Spanja, is-Slovenja, l-Iskozja u l-Irlanda. Kull pajjiż minn dawn jippossiedi binjiet simili, li filwaqt li kollha huma b'karatteristika differenti, fihom xebħ kbir, kemm fl-għamla u kemm fid-daqs.



*Girna ta' ċertu daqs fix-Xagħra l-Ħamra fl-inħawi tal-Mellieħa*

### IL-BINI TAL-GIREN

L-aktar giren komuni huma magħmula minn struttura ċirkolari u l-ħitan huma mibnija b'ġebel li jittarġu 'l ġewwa. Is-saqaf ikun mgħotti bit-torba minn barra u minn ġewwa jista' jkun użat xi xorok ukoll meta jkun bżonnjuż li l-girna tissaqqaf. Il-ħitan u s-saqaf ikunu l-istess, ma jkun hemm xejn differenti, u l-giren ikollhom bieb wieħed u xi ventilaturi. Hemm żewġ tipi ta' bibien. Hemm l-għamla ta' psewdo-arkata u hemm tip ieħor li jikkonsisti f'żewġ pilastri u blata. L-art tkun magħmula minn materjal imbattam ġeneralment ftit 'l isfel mil-livell tal-art ta' barra.

Kif għedna, f'pajjiżi oħra jeżistu strutturi rustiċi simili għal dawk ta' Malta.

Dawn li ġejjin huma eżempji ta' dawn l-għerejjex

Barracca u El Bombo – Spanja. Dawn jinsabu fir-reġjun tal-Katalonja, filwaqt illi fil-gżira ta' Minorca nsibu l-Pont de bestiar.

Both (anke shielings) – L-Iskozja; in-naħat tal-muntanji u l-"highlands" Skoċċiżi.

Cabanne u Borie –Franza. Dawn jinsabu fir-reġjun ta' Provenza, filwaqt li nsibu tip ta' giren li jissejħu Pagliad-diu fuq il-gżira ta' Korsika.

Caprile – L-Italja; fuq il-gżira ta' Elba.

Clochain – L-Irlanda; in-naħa tal-Lbiċ; fil-penisola ta' Dingle.

Crot: giren tondi u Scele: giren rettangolari – L-Isvizzera; in-naħat li huma fruntiera mal-Italja.

Kuja u Hiska – Slovenja; in-naħat illi huma fuq il-fruntiera mal-Italja.

Kummol – Il-Greċja

### TIPI TA' GIREN F'PAJJIŻI OĦRA

Kuzan u Brunja – Il-Kroazja; in-naħat tax-xtut fuq il-Baħar Adriatiku.

Mantarah – Il-Palestina; in-naħat ta' Betlehem.

Nawamis – L-Eġittu; il-penisola tas-Sinaj.)

Penetta (anke nuraghe) – L-Italja; fuq il-gżira ta' Sardinja.

Trulli – L-Italja; Alborello - fir-reġjun tan-nofsinhar tal-Pul-ja.

Twlc mochyn – fin-nofsinhar ta' Wales.

Weinbergshaeuschen – Il-Ġermanja; fiċ-ċentru tal-pajjiż qrib Frankfurt, fil-qalba tar-Rhienland.



*Dan l-artiklu nkiteb minn David Bartolo B (Hons) European Studies (Melit)*

# IL-FENEK SELVAĠĠ



Il-fenek tal-grixti jew kif inhu l-aktar magħruf il-fenek selvaġġ huwa wieħed mil-ftit speċi mammiferi li nsibu fil-gżejjer Maltin. Għalkemm ħafna jaħsbu li l-fenek selvaġġ kien minn dejjem f'Malta, l-istorja turina xorta oħra. Wisq probabbli kienu r-Rumani li introduċew din l-ispeċi fil-kolonji tagħhom, speċjalment fil-gżejjer żgħar tal-Mediterran. Dan għamluh għax fil-fniek raw sors ta' laħam f'każ ta' xi nawfraġju. Għalkemm f'Malta mhuwiex dokumentat meta ntelqu l-ewwel fniek, li hu żgur huwa li mal-wasla tal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta fl-1530, dawn għaddew liġi li tipprojbixxi l-kaċċa tal-fenek selvaġġ speċjalment fuq il-gżira ta' Kemmuna. Il-pieni kienu tant ħorox li saħansitra setgħu jwasslu sa ħames snin qdif fuq ix-xwieni tal-Ordni.

Għall-kuntrarju tal-fenek tat-trobbija, il-fenek selvaġġ jikber biss pied, jiġifieri 30 ċentimetru fit-tul. F'Malta nsibuh taħt żewġ kuluri: xehbi (agouti) u aħmar, illi huwa aktar rari. Is-suf taż-żaqq u d-denb minn taħt huma bojod. Widnejh qosra u għandu għamla tonda. Iqatta' l-ġurnata mistoħbi ġo xi ħajt tas-sejjiegħ, jew ħofor fil-ħamrija li jħaffer huwa stess jew ġo xi ħarq fil-blat. Joħroġ jirgħa fl-għabex u filgħaxija, għalkemm meta l-qamar iqarrab il-kwinta ġieli jqatta' l-lejl barra. Fix-xhur sħan tas-Sajf ġieli ssibu jistrieħ taħt xi ħatba għall-frisk anke mal-ġurnata. Iktar milli taraħ, wieħed jista' jintebaħ bil-preżenza tiegħu permezz tar-redus li l-biċċa l-kbira jkun qrib il-bejta peress li ma jħobbx jitbiegħed wisq. F'każ ta' periklu jintrefa' fuq saqajh ta' wara jxomm l-arja. Jekk iħossu mhedded jagħżel li jew jilbet jew jitlaq jiġri. Meta jiġri jħobb isallab biex ifixkel lill-predatur u juża mogħdijiet li jkun imdorri bihom.

Il-perjodu ta' riproduzzjoni hawn Malta jibda għall-ħabta ta' Frar u jibqa' sejjer sal-bidu tas-Sajf. Il-fenka, wara li titgħammar tieħu xahar biex tferragħ boton li jista' jvarja bejn tlieta u tmint iżrameġ. Il-bejta tibniha ftit jiem qabel tferragħ u tqatta' ftit suf minn taħt għonqha biex iżżommhom sħan. Iż-żrameġ jitwieldu għomja u għerja. Jieħdu madwar xahar biex joħorġu mill-bejta u jibdew ifittxu l-ħaxix. Il-fenka titgħammar dakinhar stess illi tiled. Taf tlaħħaq ħames btan fis-sena skont il-kundizzjonijiet ambjentali. Fin-natura jgħixu medja ta' tliet snin.

Il-popolazzjoni tal-fenek selvaġġ f'Malta hija waħda stabbli għalkemm f'dawn l-aħħar erbgħin sena, żewġ mardiet (il-myxomatosis u l-viral hemorrhagic disease) li sfortunatament ġew minn barra għamlu ħerba kbira, u għalkemm illum bdiet titrabba xi ftit reżistenza, xorta jibqa' l-fatt li kull sena tfiġġ f'xi nħawi.

Il-fenek selvaġġ huwa protett bil-liġi u jista' jiġi kkaċċjat biss permezz ta' liċenzja. L-istaġun jiftaħ bejn l-ewwel ta' Ġunju u l-aħħar tas-sena. Għall-fenek mill-Imnarja sal-Milied, peress illi huwa fil-bikri, il-qawl jgħid illi l-fenkiet ikunu għadhom ireddgħu liż-żrameġ u fl-imwaħħar, jiġifieri wara l-Milied jerġgħu jibdew jaħsbu għall-bejta. Il-fenek jiġi kkaċċjat bil-klieb tal-fenek, nemes u xibka kif ukoll bl-arma tan-nar. Meta l-klieb isibu l-fenek barra mill-bejta jiġru warajh jagħmlu kurriera, li hija geġwiġija ta' għajjat u ġiri. Kif jidħol fil-bejta, il-klieb jibqgħu jinbħu u juru l-kaċċatur fejn jista' jkun li l-fenek daħal. Wara tinfirex ix-xibka u jinħeles in-nemes mill-garżella, li bil-liġi jrid ikun imsarram, biex ma jagħmilx ħsara lill-fenek. Kif joħroġ mill-bejta, il-fenek jitħabbel fix-xibka u jinqabad mill-kaċċatur. Jista' li minflok ix-xibka, il-kaċċatur jispara, u jekk jolqot, jaqbad il-fenek. Il-fenek jittieħed ukoll permezz tal-mixirfa. Il-kaċċatur joqgħod mistoħbi wara ħajt jew mimdud fuq xi xifer u jistenna li l-fenek joħroġ waħdu mill-bejta. Dan isir jew filgħodu kmieni jew qabel jidlam. Ta' min jgħid illi jekk il-popolazzjoni ma tiġix ikkontrollata permezz tal-kaċċa, fis-Sajf, il-fenek selvaġġ jagħmel ħsara kbira fl-uċuħ tar-raba', speċjalment fis-saqwi.

Illum il-ġurnata l-fniek jitrabbew fl-irziezet fuq skala industrijali, u l-bżonn tal-kaċċa għadu biss bħala kontroll għall-ħsara agrikola, imma qabel ma dan ġie ddomestikat dan kien l-uniku mezz kif jispiċċa fuq il-mejda. Wisq probabbli li l-fenek sar il-platt nazzjonali tal-Maltin bħala turija ta' reżistenza għall-projbizzjoni tal-kaċċa tiegħu fi żmien il-Kavallieri. Jidher ukoll illi l-bidu tat-trobbija tal-fniek ġiet introdotta f'dan iż-żmien peress illi il-Kavallieri kellhom kuntatti tajbin mal-Ewropa u ma' ordnijiet monastiċi li bdew id-domestikazzjoni tal-fenek madwar elf u erba' mitt sena ilu ġewwa Franza. Li hu żgur huwa li dak kollu li hu marbut ma' dan l-annimal, sew jekk hija kaċċa, trobbija u kċina tradizzjonali, addottajnieh u llum sar sinonimu mal-ħajja rurali tagħna l-Maltin.

*Dan l-artiklu nkiteb minn Alden Grima, Uffiċjal Agrikolu fit-Taqsima tar-Regolamenti għall-Għasafar Selvaġġi.*

# IL-FALKUNERIJA F'MALTA



F'Marzu tal-2016 ġiet proposta liġi dedikata għall-falkunerija f'Malta. It-titlu ta' dawn ir-regolamenti ġie stabbilit bħala 'Regolamenti tal-2016 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Falkunerija)'. Il-ħsieb wara l-introduzzjoni ta' din il-liġi l-ġdida beda mill-bżonn ta' għarfien aktar ċar fil-qafas legali li jirregola l-attività tal-falkunerija kif ukoll sabiex jiġi stabbilit proċess regolatorju li permezz tiegħu l-falkunerija f'Malta tista' tiġi regolarizzata f'konformità mal-liġijiet li jikkonċernaw il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, kemm dawk nazzjonali, tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll internazzjonali.

Il-liġi proposta timmira li tilħaq dawn l-għanijiet ewlenin:

**- JIĠI PPROVDUT QAFAS REGOLATORJU XIERAQ GĦALL-ATTIVITÀ TAL-FALKUNERIJA F'MALTA;**

**- JIĠI ŻGURAT ILLI D-DELIZZJU JIĠI REGOLAT B'MOD LI JIĠU PERMESSI L-ATTIVITAJIET DIFFERENTI LI JINKLUDU L-ARTI TA' FALKUNERIJA KIF UKOLL LI TIŻGURA LI L-ATTIVITÀ TAL-FALKUNERIJA TIĠI PPRATTIKATA STRETTAMENT SKONT IL-LIĠI NAZZJONALI, TAL-UNJONI EWROPEA U L-LIĠI INTERNAZZJONALI DWAR IL-KONSERVAZZJONI TAL-GĦASAFAR SELVAĠĠI.**

**KIEN HEMM ŻEWĠ GĦAŻLIET EWLENIN LI MALTA KKUNSIDRAT:**

**- DIK LI TKOMPLI BIL-METODU PREŻENTI—FEJN L-ATTIVITÀ TA' FALKUNERIJA MHIX REGOLATA TAĦT REĠIM LEGALI SPEĊIFIKU, IŻDA TIBQA' TAQA' TAĦT L-APPLIKAZZJONI TAR-REĠIM REGOLATORJU ĠENERALI STABBILIT MID-DIRETTIVA TAL-GĦASAFAR U REGOLAMENTI GĦAL-KONSERVAZZJONI TAL-GĦASAFAR SELVAĠĠI JEW;**

**- JINĦOLOQ QAFAS BIEX JIRREGOLA L-FALKUNERIJA TAĦT REĠIM LEGALI SPEĊIFIKU MAGĦMUL APPOSTA U LI JIKKONSIDRA L-ASPETTI RELEVANTI KOLLHA TAL-ATTIVITÀ.**

Konsultazzjonijiet fuq l-abbozz tal-liġi saru ma' diversi għaqdiet interessati inklużi: Fridericus Rex Malta Falconers, Malta Falconers Club u l-Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Falkunerija u l- Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Priża. Matul il-konsultazzjoni pubblika li kienet miftuħa mit-28 t'Ottubru 2015 sad-9 ta' Diċembru 2015 waslu wkoll kummenti mingħand il-BirdLife Malta, il-MEPA kif ukoll individwi indipendenti. Wara li ġew ikkunsidrati l-għażliet kollha u l-kummenti mogħtija mill-għaqdiet u individwi interessati, ġie stabbilit li l-aħjar alternattiva għas-sitwazzjoni preżenti f'Malta hija sistema li tipprovdi gwida ċara li biha l-falkunerija u attivitajiet relatati jistgħu jiġu pprattikati. Din is-sistema tippermetti li jkun hemm politika aktar ċara biex ninfurzaw u nissorveljaw din il-forma ta' kaċċa speċjalizzata.
Il-liġi l-ġdida għalhekk se tinkludi fiha informazzjoni dettaljata ta' dak kollu li falkunier għandu jkun jaf biex ikun moħħu mistrieħ li qed jipprattika l-falkunerija b'mod legali.

# X'TINKLUDI DIN IL-LIĠI

Kull min hu mħajjar jipprattika l-attività tal-falkunerija għandu jkollu liċenzja għaż-żamma u t-titjir ta' speċi tal-falkunerija għall-għanijiet ta' taħriġ, wiri ta' titjir jew għat-teħid ta' speċi kaċċabbli. Din il-liċenzja ġenerali tista' tingħata mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (il-Wild Birds Regulation Unit). Il-falkunerija għandha tiġi pprattikata biss bl-użu ta' falkuni mrobbijin fil-magħluq, illi jkunu koperti bil-liċenzji kollha neċċessarji u awtorizzazzjonijiet skont ir-Regolamenti dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora kif ukoll regolamenti oħrajn applikabbli.

Persuni li jżommu speċi tal-falkunerija mrobbijin fil-magħluq bil-għan esklussiv taż-żamma ta' dawk l-għasafar fil-magħluq jew għall-wirja statika u mhux għall-għanijiet ta' titjir, taħriġ, kaċċa jew teħid ta' speċi kaċċabbli bil-falkun, ma jkunux jeħtieġu liċenzja ġenerali tal-falkunerija. Dan mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora kif ukoll liġijiet u regolamenti oħrajn applikabbli.

*ikompli f'paġna 19*

Fi kwalunkwe mument li persuna tkun qed tipprattika l-falkunerija għandha dejjem ikollha fil-pussess tagħha dawn id-dokumenti:

**A) DOKUMENT LI JURI LI L-PERSUNA HIJA MEMBRU TA' ORGANIZZAZZJONI TAL-FALKUNERIJA RIKONOXXUTA;**

**B) DOKUMENT LI JIKKONFERMA LI L-PERSUNA HIJA KOPERTA B'ASSIGURAZZJONI TA' RISK-JI LEJN TERZI PERSUNI LI TKOPRI L-ATTIVITÀ TAL-FALKUNERIJA;**

**C) RIĊEVUTA LI TIKKONFERMA LI L-PERSUNA ĦALLSET ID-DRITTIJIET APPLIKABBLI SKONT L-ISKEDA TAL-LIĠI TAL-FALKUNERIJA L-ĠDIDA;**

**D) LIĊENZJA TAL-FALKUNERIJA VALIDA MAĦRUĠA MIT-TAQSIMA TAR-REGOLAMENTAZZJONI GĦALL-GĦASAFAR SELVAĠĠI GĦAL ĦAMES SNIN;**

**E) LIĊENZJA SPEĊJALI (SKONT IL-KAŻ).**

Ebda persuna li tkun qed ittajjar kwalunkwe speċi tal-falkunerija ma tista' tidħol f'raba', għelieqi, artijiet jew reċint ieħor ta' terzi persuni kontra r-rieda tagħhom. It-titjir ta' kwalunkwe speċi tal-falkunerija għall-għan esklussiv ta' taħriġ jew wiri ta' titjir, iżda mhux għall-għan ta' insegwiment u teħid ta' speċi kaċċabbli, jista' jiġi pprattikat f'kull ħin u matul is-sena kollha.

Fil-liġi l-ġdida wieħed isib ukoll il-multi stabbiliti jekk falkunier jinstab ħati ta' xi reat jew jonqos milli jikkonforma ruħu mal-kundizzjonijiet ta' xi ordni mogħtija leġittimament skont xi dispożizzjoni tar-regolamenti.

Dawn ir-regolamenti se jiġu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern u jingħataw lill-falkuniera permezz tal-għaqdiet tal-falkunerija rispettivi tagħhom u permezz ta' avviżi fuq is-sit elettroniku tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (http://environment.gov.mt/en/Pages/WBRU/Wild-Birds-Regulation-Unit.aspx).



# GĦAL DARBA OĦRA FI SKOLA SAJF

## SELFIE WITH MY PET



Għat-tieni sena konsekuttiva, id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali flimkien mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali reġa' pparteċipa waqt l-inizjattiva SkolaSajf. Aktar minn 500 tifel u tifla ħadu sehem f'kompetizzjoni bl-isem ta' Selfie With My Pet fejn l-istess tfal ġew mitluba sabiex jieħdu ritratti mal-annimali favoriti tagħhom. Din l-attività kienet ikkordinata flimkien mal-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi.

F'ċerimonja ta' premjazzjoni lir-rebbieħa ta' din il-kompetizzjoni, ċerimonja li saret nhar is-7 ta' Settembru fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa, ingħataw xejn inqas minn għoxrin premju mifruxa fuq sitt kategoriji. Għal din iċ-ċerimonja attendew il-Ministru Evarist Bartolo kif ukoll is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes. Interessanti jingħad illi l-premijiet fil-kategoriji kollha kienu jikkonsistu f'kotba relatati mal-annimali.

Minbarra din l-inizjattiva uffiċjali, id-Direttorat flimkien ma' membri mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali żaru 25 ċentru ta' Skolasajf f'Malta u Għawdex. F'dawn iż-żjarat għamlu preżentazzjonijiet relatati mal-ħarsien tal-annimali lit-tfal li attendew f'dawn iċ-ċentri. Ta' min jgħid ukoll illi matul dawn iż-żjarat tqassam materjal edukattiv u informattiv lit-tfal kollha preżenti. Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali jirringrazzja lil dawk kollha li taw il-kontribut tagħhom sabiex għal darba oħra din l-inizjattiva kienet suċċess.



# Sit Ġdid Ta' Żbark Tal-Ħut Fil-Marsa

Is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Roderick Galdes inawgura sit ġdid ta' żbark tal-ħut fil-Marsa. Dan se jkun utli biex sajjieda jħottu l-ħut tagħhom hawn qabel jittieħed fil-pixkerija l-ġdida li tinsab fil-viċinanzi.

Il-binja tinkludi uffiċċju tad-dipartiment, "coldroom" u faċilitajiet ta' "service pillar" minfejn is-sajjieda jkunu jistgħu jieħdu provvista ta' dawl u ilma bi ħlas.

Il-proġett jinkludi wkoll kisi mill-ġdid tat-triq li twassal għal dan is-sit, il-bini ta' ħajt imdawwal li jiddefinixxi l-konfini taż-żona, twaħħlu gradi, u ġiet installata sistema tad-dawl ġdida sabiex titjieb is-sigurtà fiż-żona.

Is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes qal illi dan il-proġett ifisser investiment ieħor ta' ftit aktar minn kwart ta' miljun ewro, li minnhom 80,000 ewro kienu ffinanzjati mill-Fond Ewropew għas-Sajd.

L-Onorevoli Galdes sostna li dan il-proġett huwa parti minn proġett akbar tal-gvern, dak illi jara titjib ta' portijiet tas-sajd, fosthom il-Marsa, Marsaskala, San Pawl il-Baħar, ix-Xemxija u l-Imġarr Għawdex. Dawn raw bini mill-ġdid ta' diversi skallijiet, siti ta' żbarki u mollijiet. Huwa żied jgħid li l-mira tal-gvern issa ddur fuq il-bini ta' "breakwater" f'Marsaxlokk.

Roderick Galdes temm id-diskors tiegħu billi rringrazzja lill-ħaddiema kollha tad-Dipartiment tas-Sajd, u lis-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej Ian Borg.





# L-IMĦABBA LEJN L-ANNIMALI MINN ETÀ ĊKEJKNA

Emanuel Buhagiar, Il-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal- Annimali

## L-EDUKAZZJONI

Il-muftieħ sabiex tingħeleb kull injoranza, sew volontarja kif ukoll involontarja, hija l-edukazzjoni. Għalhekk, l-uffiċċju tagħna, f'inqas minn sentejn illi ilna mwaqqfin, diġà ppubblikajna żewġ kotba li jgħinu lill-qarrejja kollha jifhmu x'qed iseħħ f'dan il-qasam. Il-ktieb "L-Imħabba Tagħna Lejn l-Annimali" li ġie stampat is-sena l-oħra u matul din is-sena tqassam fl-iskejjel kollha fejn ġejna mistednin nagħtu lezzjoni, issa ġie emendat u matul is-sena skolastika li qegħdin nibdew qiegħda tiġi mqassma lill-istudenti u lill-membri tal-istaff il-verżjoni aġġornata. Dan il-ktieb intlaqa' tajjeb ħafna kemm mit-tfal kif ukoll mill-ġenituri u l-għalliema. Kellna ħafna sejħiet fi skejjel differenti, kemm statali, tal-knisja u anke indipendenti. Jiddispjaċina li ma rnexxilniex inżuru l-iskejjel kollha tal-knisja u indipendenti minħabba li ma ġejniex mistednin. Aħna kkuntattjajna kull skola biex nitolbuha l-permess illi mmorru nagħmlu laqgħa għall-istudenti. Kienu l-parti l-kbira tal-iskejjel, madankollu, kien hemm ftit illi forsi ħassew li dan is-settur ma jolqothomx daqstant.

Minbarra dan il-ktieb, matul l-aħħar xhur stampajna ktejjeb ieħor b'differenza. Dan huwa ktejjeb żgħir u fih ftit informazzjoni dwar l-identifikazzjoni elettronika, l-ikel u l-eżerċizzju tal-annimali u l-ħames libertajiet tagħhom. Barra minn hekk, daħħalna bosta attivitajiet immirati għal tfal ta' etajiet u abilitajiet diversi. Fih wieħed isib tpinġijiet u stejjer fittizji qosra li juru s-sehem ta' dak l-annimal fil-ħajja tiegħu u tagħna l-bnedmin, tislibiet bil-Malti u bl-Ingliż u attivitajiet oħra bħal "wordsearch". Dan il-ktejjeb beda jitqassam lill-istudenti ta' "Skolasajf" meta flimkien ma' sħabna tad-Dipartiment tal-Ħarsien tal-Annimali żorna bosta skejjel u biħsiebna nibqgħu nqassmuh lill-istudenti li magħhom nagħmlu l-lezzjoni u l-preżentazzjoni dwar l-annimali.

Minbarra li nqassmu l-materjal, matul il-lezzjoni, permezz ta' Christopher Bonnici li huwa għalliem kwalifikat u jifforma parti mill-uffiċċju tiegħi, norganizzaw preżentazzjoni u diskussjoni mat-tfal. Il-preżentazzjoni tinkludi l-ħames libertajiet tal-annimali, informazzjoni dwar l-identifikazzjoni elettronika u t-tabella li b'liġi trid tkun imdendla ma' għonq il-klieb. L-aħjar issir ukoll mal-qtates biex jekk jintilef ikun faċli li jinstab. Informazzjoni oħra tingħata dwar is-santwarji tal-annimali, dwar l-annimali waqt ix-xogħol u l-isport u għalhekk nuruhom illi anke sabiex nieħdu gost aħna, bl-ebda mod u għall-ebda raġuni qatt m'għandna nabbużaw minnhom, u nagħlqu billi nuruhom min huma ż-żewġ qaddisin patruni tal-annimali.

Dan kif nilħqu lil ulied is-soċjetà Maltija. Lil ulied iktar maturi fl-età nilħquhom permezz tat-tqassim tal-materjal kif ukoll permezz ta' intervisti u programmi fuq stazzjonijiet differenti tar-radju u t-televiżjoni.

## SPEZZJONIJIET U RAPPORTI

L-uffiċċju tal-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali jagħmel xi spezzjonijiet fuq it-Trattament Xieraq tal-Annimali meta xi persuni jilmentaw li mid-Dipartiment tal-Veterinarji jew dak tat-Trattament Xieraq tal-Annimali jaħsbu li dawn ma għamlux xogħolhom sewwa f'dan ir-rigward. Tali rapporti, wara jistgħu jittellgħu fuq is-sit elettroniku għas-sodisfazzjon ta' kulħadd.

Fuq fuq, dan huwa xogħolna, xogħol illi għandna bżonn inkomplu nistinkaw fuqu sabiex l-imħabba u r-rispett lejn dawn il-ħbieb kbar tagħna jkompli jikber u b'hekk, pajjiżna verament ikun pajjiż matur fejn il-bnedmin u l-annimali diversi jgħixu f'armonija sħiħa flimkien.



# IL-ĠRIEWI
# U L-BŻONNIJIET NATURALI!

Meta wieħed iġib ġeru ġdid fil-familja, wieħed mill-ħsibijiet ikun kif ser jgħallmu jagħmel il-bżonnijiet tiegħu barra jew fil-post indikat. Huwa importanti li wieħed jaġixxi mill-ewwel, għax iktar ma jikber il-ġeru, iktar tikber il-problema.

Is-sigriet wara l-'house-training' jibbaża fuq il-konsistenza, paċenzja, sabar u rinfurzar pożittiv. L-għan ta' dan huwa biex innibbtu drawwiet tajba u nibnu rabta speċjali mal-pet tagħna.

Ġeru jieħu bejn wieħed u ieħor minn erba' (4) sa sitt (6) xhur biex ikun kompletament 'house-trained', iżda xi ġriewi jistgħu jieħdu anke sa sena. Dan jiddependi skont id-daqs u r-razza. Pereżempju, razez żgħar għandhom 'bladder' iżgħar u metaboliżmu iktar mgħaġġel. Għalhekk ikunu jeħtieġu jaqdu l-bżonnijiet tagħhom aktar ta' spiss. Fattur ieħor huwa fejn u kif kien jgħix il-ġeru qabel ġie għandek. Jaf ikun hemm bżonn naqra għajnuna żejda biex tgħinu jegħleb ċerti drawwiet ħżiena u biex jistabilixxi d-drawwiet tajba mixtieqa.

Waqt it-taħriġ huwa komuni li xi drabi l-ġeru jiżgarra xi naqra. Huwa importanti li tibqa' konsistenti u tkompli bid-drawwa li tieħu lill-ġeru barra mal-ewwel sinjal ta' bżonnijiet. Tgħin ukoll jekk tippremjah meta dan jagħmel xi ħaġa tajba.

Huwa rrakomandat li dan it-taħriġ jibda meta l-ġeru jkollu bejn 12 u 16-il ġimgħa. Ta' din l-età l-ġeru għandu jkollu biżżejjed kontroll tal-bużżieqa u l-musrana tiegħu, u għalhekk ikun kapaċi jikkontrolla aħjar il-bżonnijiet illi jkollu.

Tajjeb li fil-bidu żżomm il-ġeru ġo spazju ristrett. Il-proverbju Malti jgħid "il-kelb ma jħammiġx fejn ixommu". Dan japplika f'dan il-każ, peress illi l-ġeru jibqa' jissaporti jekk l-ispazju ta' madwaru ma jkunx kbir biżżejjed għax idejqu l-ħmieġ viċin tiegħu. Kif il-ġeru jitgħallem li għandu jagħmel il-bżonnijiet barra, tkun tista' gradwalment tagħtih iżjed libertà u tħallih jimraħ madwar id-dar kollha.

## WAQT IL-'HOUSE-TRAINING' TAJJEB ILLI SSEGWI DAWN IS-SUĠĠERIMENTI

- **ITMA' LILL-ĠERU FUQ SKEDA REGOLARI U TĦALLIX IKEL MAL-ĠERU L-ĠURNATA KOLLHA;**
- **ĦU LILL-ĠERU BARRA WARA KULL IKLA JEW RAQDA, U B'MOD REGOLARI MATUL IL-ĠURNATA KOLLHA, U L-AĦĦAR ĦAĠA BIL-LEJL;**
- **JGĦIN UKOLL JEKK TIEĦU LILL-ĠERU DEJJEM FL-ISTESS POST GĦALL-BŻONNIJIET TIEGĦU;**
- **OQGĦOD MIEGĦU BARRA STENNIEH SAKEMM ILESTI L-BŻONNIJIET TIEGĦU;**
- **IPPREMJA LILL-ĠERU B'XI ĦAĠA LI JĦOBB, BĦAL XI "TREAT", ĠUGARELL JEW MIXJA QASIRA.**

M'hemmx għalfejn ngħidu, is-sagrifiċċju u l-pacenzja tal-bidu jissarraf fi tgawdija fil-futur.



*Dan l-artiklu nkiteb minn Dennis Sciberras koordinatur fi ħdan id-direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali.*

# GĦERF ĠENSNA

*Christopher Bonnici*

Is-Sliem fi tmiem sajf ieħor. Jidher illi s'issa, bħas-sena l-oħra, daqsxejn xotta l-affari fejn tidħol xita. Nittamaw illi t-temp u n-natura jkunu iktar ħanina mal-bdiewa tagħna ħalli ngawdu l-prodotti tagħhom, speċjalment dawk Maltin. Insomma, tlaqna fl-ewwel wieħed tal-lum:

## IL-LBIĊ RIĦ JEW XITA JĠIB

Issa li bdejna l-ħarifa nistennew xi ħalba xita sewwa. Nisperaw illi minbarra li jkollna xita fejjieda u f'waqtha, fl-istess waqt ma tagħmilx iżżejjed b'mod illi tifqa' l-uċuħ tar-raba' u tagħmel il-ħsara jew tweġġa' lin-nies. Meta r-riħ ikun ġej mil-Lbiċ, bl-Ingliż "SouthWest" – meta kont żgħir, għan-naħa ta' Birżebbuġa kienu qaluli li dak ir-riħ nagħrfu għax ikun ġej min-naħa ta' Filfla - aktarx iġib fuq il-gżejjer Maltin xi maltempata, speċjalment meta jkun qed iberraq lejn dawk in-naħat. Fil-fatt għandna qawl ieħor illi jgħid: "Il-Beraq fil-Lbiċ, ix-xita jġib". Qawl ieħor dwar dan ir-riħ jgħid: "Sħab mil-Lbiċ, ix-xita żgur iġib". Bil-kelma "żgur" missirijietna donnhom kienu ċerti li meta jidher is-sħab lejn il-Lbiċ ikun ifisser illi ġej l-ilma. It-tlitt iqwiel kollha juru li dan ir-riħ huwa marbut mal-maltemp.

Il-Lbiċ huwa kkonsidrat wieħed mill-irjieħat li ngħidu li huma "riħ isfel" u għalhekk huwa sinonimu għat-tidlik illi jġib miegħu, speċjalment meta dan ir-riħ jaħkimna fis-sajf; aktarx iġib temp imsaħħab u mdellek. Għal min jemmen illi dan it-temp iġib ukoll ir-riħ, dan minħabba li warajh, ġeneralment idur ir-riħ mill-Majjistral u majjistralata tajba lkoll nafu xi ġġib magħha, kemm riħ qawwi.

## GĦOMMA L-ĦARIFA, BARD FIX-XITWA

Dan il-qawl irid huwa pjuttost faċli biex ikun spjegat, minħabba li l-kelma "għomma" hija marbuta mas-sħana, u għalhekk permezz ta' dan il-qawl, l-antenati riedu juruna li meta fil-ħarifa tkun għadha xi ftit jew wisq sħana, ix-xitwa tkun aktar qalilna fejn tidħol il-kesħa.



## IL-PUNENT IWIEGĦED U JAGĦTI

U ladarba qbadna mal-irjieħ, mil-Lbiċ nimxu għall-Punent, bl-Ingliż magħruf bħala "West". "Il-wegħda" hija meta jibda jissaħħab; donnu li s-sħab jibda jwiegħed illi ġejja x-xita, u "jagħti" għax meta s-sħab jifforma sewwa u jersaq, ma jgħaddix mingħajr ma jagħmel xogħlu, u għalhekk jagħti l-ilma li jkun inġema' fih. Qawl ieħor dwar dan ir-riħ huwa: "Meta jberraq il-Punent, ikun ilesti għall-maltemp". Dan huwa iktar faċli li jinftiehem malajr, u għalhekk, bħal-Lbiċ, Riħ Punent huwa sinonimu li jġib miegħu l-maltemp.

Nisperaw illi sibtu din ir-rokna interessanti u li min jaf, forsi tgħallimna xi ħaġa flimkien, inkella sservina ta' nostalġija għal meta konna iżgħar fl-età u min jaf kemm kienu jgħidulna għajdut differenti, u filwaqt illi nsellmilkom, jekk Alla jrid, inġedded l-appuntament għall-aħħar ħarġa ta' din is-sena u l-iktar waħda għal qalbi, dik tal-Milied. Tislijiet!


SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI